# SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS - 2000

EDUCATIONAL ASSESSMENT UNIT - EDUCATION DIVISION

**FORM 1** | **RELIGION** | **Time 1½ hours**

**Name:**______________________________ **Class:**_________

## A. Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:

| |
|---|
| Bibbja -- ort tal-Ġetsemani -- San Pawl -- Sibt -- Samarija -- Madre Teresa -- salvatur -- evanġelisti -- Mosè -- parabboli. |

1. Għal-Lhud, il-jum tas-________________________ kien meqjus bħala jum ta' mistrieħ.
2. Alla għażel lil ________________________ biex jeħles lill-poplu tiegħu mill-jasar ta' l-Eġittu.
3. Ir-reġjun tan-nofs tal-Palestina kien jissejjaħ ________________________ .
4. Il-________________________ hija magħmula minn 73 ktieb.
5. L-isem Ġesù bil-lhudi jfisser ________________________
6. ________________________ imxiet fuq l-eżempju ta' Ġesù billi ddedikat ħajjitha biex tieħu ħsieb il-fqar fl-Indja.
7. L-________________________ kienu dawk li tawna l-informazzjoni kollha li għandna dwar Ġesù .
8. Ġesù kien jgħallem lin-nies ta' madwaru permezz ta' stejjer li jissejħu ________________________
9. ________________________ huwa dak li ġab ir-reliġjon nisranija fil-gżira tagħna.
10. Qabel miet, Ġesù għereq l-għaraq tad-demm fl-________________________

(10 marki)

## B. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.

1. L-Anġlu Gabriel ħabbar lil Marija
   a) li kellha tmur Betlehem
   b) Li kellha ssir omm Alla
   c) Li Ġesù ser isir mgħallem

2. Fi żmien Ġesù l-Palestina kienet
   a) maħkuma mill-Feniċi
   b) maħkuma mil-Lhud
   c) maħkuma mir-Rumani

3. Dawk li jiġbru t-taxxi minn għand il-Lhud kienu

   a) is-sadduċej
   b) il-pubblikani
   c) iż-żeloti

4. It-tifel ta' Abraham kien

   a) Iżakk
   b) Ġakobb
   c) Kajfa

5. L-ewwel sultan li kellhom il-Lhud kien

   a) Sawl
   b) David
   c) Salamun

6. It-tempju tal-Lhud kien jinsab

   a) f'Ġerusalemm
   b) f'Betanja
   c) f'Ġeriko

7. L-akbar festa li tiċċelebra l-Knisja hi

   a) L-Għid il-Kbir
   b) il-Milied
   c) San Girgor

8. L-ewwel Ħames kotba tal-Bibbja jissejħu

   a) is-Salmi
   b) il-Pentatewku
   c) l-Evanġelji

9. Fl-1990 ġie jżurna f'Malta

   a) ambaxxatur Taljan
   b) l-Isqof ta' Għawdex
   c) il-Papa Ġwanni Pawlu II

10. Bniedem li miet għal ħaddieħor

   a) Abraham
   b) Madre Teresa
   c) Massimiljanu Kolbe

(10 marki)

## C. Ikteb IVA jew LE fit-tarf ta' kull sentenza.

1. Abraham għadda lill-poplu Lhudi mill-Baħar tal-Qasab. [ ]

2. Il-Bibbja nkitbet min-nies imdawlin mill-Ispirtu s-Santu. [ ]

3. Nagħmlu l-festa ta' Kristu sultan fl-aħħar Ħadd tas-sena liturġika. [ ]

4. David kien l-aqwa fost is-slaten kollha ta' Israel. [ ]

5. Ġeremija l-profeta kien jgħix fi żmien Kristu. [ ]

6. San Pawl kiteb wieħed mill-Evanġelji. [ ]

7. Fit-tieġ ta' Kana Ġesù ma kienx mistieden. [ ]

8. Alla, fl-imgħoddi, kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna modi permezz tal-profeti. [ ]

9. Il-Qassisin il-Kbar tat-tempju laqgħu lil Ġesù. ☐

10. Ġesù huwa l-akbar u l-ogħla għalliem ta' ħajjitna. ☐

(10 marki)

## C. Qabbel il-kolonna A mal-kolonna B:

| A | B |
|---|---|
| 1 Kittieba | ☐ Preparazzjoni għall-festa tal-Milied |
| 2 Għid il-Kbir | ☐ Storja b'tagħlima |
| 3 L-Għid il-Ħamsin | ☐ nies li kienu jiffurmaw il-partit tas-sinjuri u tan-nobbli. |
| 4 Avvent | ☐ tiġi f'nofs ix-xahar ta' Awissu. |
| 5 Milied | ☐ nies li kienu ħadu edukazzjoni għolja fil-Liġi. |
| 6 Parabbola | ☐ fejn Ġwanni kien jgħallem u jgħammed. |
| 7 Santa Marija | ☐ Qawmien mill-mewt ta' Ġesù. |
| 8 Randan | ☐ Twelid ta'Sidna Ġesù Kristu. |
| 9 Sadduċej | ☐ Miġja ta' l-Ispirtu s-Santu. |
| 10 Xmara Ġurdan | ☐ preparazzjoni qabel il-festa ta' l-Għid. |

(10 marki)

## D. Wieġeb fil-Qosor:

1. X'differenza tgħaddi bejn it-tempju u sinagoga?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Ghaliex il-Fariżej kienu keċċew lill-għama ta' Silwam?

______________________________________________

______________________________________________

3. Min kien dak li għen lil Ġesù jġorr is-salib?

______________________________________________

______________________________________________

4. Kemm insibu kotba fit-Testment il-Qadim?

______________________________________________

______________________________________________

5. Semmi tnejn mill-evanġelisti?

______________________________________________

______________________________________________

(10 marki)

## E. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet li ssib warajha.

Ġesù telaq bid-dgħajsa u mar waħdu f'post imwarrab. Imma n-nies semgħu fejn mar u telqu warajh bil-mixi mill-ibliet. X'ħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom, u fejqilhom il-morda tagħhom.

X'ħin sar filgħaxija d-dixxipli tiegħu resqu lejh u qalulu: "Dan il-post imwarrab u l-ħin għamel sewwa. Ibgħathom lin-nies, ħa jmorru fl-irħula jixtru x'jieklu." Imma Ġesù qalilhom: "M'għandhomx għalfejn imorru; agħtuhom intom x'jieklu." U huma qalulu: "Hawn ma għandniex ħlief ħames ħobżiet u żewġ ħutiet." "Ġibuhomli hawn" qalilhom.

Imbagħad ordna lin-nies biex joqogħdu bilqiegħda fuq il-ħaxix; ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, refa' għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet u tahom lid-dixxipli, u d-dixxipli newluhom lin-nies. U kulħadd kiel u xaba' u ġabru l-biċċiet li kien fadal u mlew bihom tnax-il qoffa. U kienu madwar ħamest' elef raġel dawk li kielu, barra n-nisa u t-tfal.

(Matt 13, 13-21)

## MISTOQSIJIET:

1. Agħti isem lil din is-silta.

2. Għaliex, taħseb, in-nies telqu wara Ġesù bil-mixi?

3. Għaliex l-appostli riedu lil Ġesù jibgħat lin-nies fl-irħula tagħhom x'ħin sar filgħaxija?

4. Għaliex l-appostli nħasdu x'ħin Ġesù qalilhom biex jagħtu huma x'xjieklu lin-nies?

5. X'għamel Ġesù biex tema' dawk in-nies kollha?

6. Kemm-il qoffa mlew bil-bċejjeċ tal-ħobż li kien fadal?

7. Kemm kien hemm nies li kielu mill-ħobż u l-ħut?

8. Minn liema ktieb tala-Bibbja hi meħuda din is-silta?

9. F'liema talba nitolbu lil Alla biex jagħtina l-ħobż li dejjem għandna bżonn fil-ħajja tagħna?

10. Dakinhar Ġesù għamel att ta' karità meta tema' lil dawk in-nies kollha. X'nistgħu nagħmlu aħna, llum il-ġurnata, biex inkunu nixbħu lil Ġesù f'dak li għamel?

(30 marka)

**F. Agħżel TNEJN minn dawn u ikteb madwar 80 kelma fuq kull wieħed li tagħżel.** (Ikteb fil-vojt ta' hawn taħt.)

1.) Il-Palestina fi żmien Ġesù.

2.) Il-Festi tal-Lhud.

3.) Ġesù l-gwida ta' ħajti

4.) Il-Miraklu tat-Tieġ ta' Kana .

(20 marka)

Jekk baqalek x'tikteb itlob karta.